MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1701/2005

**Lombard Bank Malta p.l.c. (C 6071)**

**Vs**

**Mario u Monica konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Settembru 2005, fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-Bank attur is-somma ta’ hames mija u erba` u hamsin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm554.41), ghar-ragunijiet msemmija fl-istess Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba.

Ra x-xhiedha moghtija minn Robert Dimech in rappresentanza tal-bank attur fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2005, li fiha jirrizulta illi mid-data tal-ftuh ta’ din il-kawza sa

dak in-nhar saru xi pagamenti mill-konvenuti lill-Bank attur ammontanti ghal mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) kif spjegat mill-istess xhud, b'dan illi l-ammont riklamat fl-avviz kellu jitnaqqas bis-somma ta' mija u hamsn Liri Maltin (Lm150), allura mhallsa fil-mori tal-kawza.

Ra ukoll ix-xhieda moghtija mill-konvenut Mario Borg, ukoll fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2005, fejn stqarr illi hu u martu l-konvenuta Monica Borg kienu in effetti qed jammettu illi kellhom jhallsu lill-Bank attur is-somma riklamata fl-Avviz u mnaqqsa minn mija u hamsin Liri Maltin (LM150) li kienu thallsu fil-mori tal-kawza, b'dan pero` illi xtaqu aktar zmien biex ihallsu bir-rata ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) fix-xahar.

Ra illi wara s-seduta precedenti, il-Bank attur xtaq illi xorta wahda tinghata decizjoni fuq din  il-pendenza;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata partikolarment in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenuti, it-Tribunal b'ekwita` jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ridotta ta' erba` mija u erba` Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm404.41), bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-istess Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------